**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 09**

**Data: 21 ta' Jannar 2025**

**Hin: 9.15am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

09.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

09.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

09.5 Korrispondenza u Rapporti;

09.6 Offerta – GRB0-2024 *Tender for Supply,& Commissioning of a passenger lift*;

09.7 Attivitajiet;

09.8 Progetti u Xogholijiet;

09.9 Skema CI ES;

09.10 Skemi 2025;

09.11 Materji ohra;

09.12 Skeda ta' Pagamenti;

09.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**09.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

09.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

09.2.1 Il-Minuti ser jigu pprezentati ghall-approvazzjoni fil-laqgha li jmiss.

**09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.3.1 Ma kienx hemm komunikat mis-Sindku.

**09.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

09.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**09.5 Korrispondenza u Rapporti**

09.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' Health Policy u Money Policy. Il-Kunsill qabel li ghandu jissiehed bhas-snin precedenti.

09.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar: PA/02136/24, PA/08707/24 u PA/00051/25.

Lisa Marie Brooke staqsiet dwar l-applikazzjoni tal-B&B ta' Triq Trux fejn is-Sindku qal li s'issa ma kienx hemm risposta.

09.5.3 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tal-korsijiet tal-life long hearning. Is-Sindku ssugerixxa li ghandhom jkomplu jsiru l-korsijiet tal-Weaving u Macrame peress li l-Kunsill ghandu l-magni. Il-Kunsill qabel li dawn ghandha ssir l-applikazzjoni biex jibqu jsiru. Is-Sindku issugerixxa li jsiru korsijiet ohra bhal Malti ghall-barranin, Ingliz filwaqt li Tonio Mifsud issugerixxa li jsir wiehed tat-teknologija ghall-anzjani. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u qabel li ghandu japplika ghal diversi korsijiet biex joffri possibilitajiet differenti lir-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jsir reklamar meta jinfethu l-applikazzjonijiet.

09.5.4 Giet trattata proposta minghand Skyhubs sabiex drone li jgorr oggetti sa massimu ta' 2kg jibda' jopera mill-bejt tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku ta' spjegazzjoni. Huwa zied jghid li l-kumpanija hija lesta li tikkolabora mall-Kunsill. Is-Sindku qal li r-rotta taghhom ma toperax minn fuq l-iskola u li l-istess kumpanija ser tkun qeghda tapplika ghall-permessi kollha mehtiega qabel ma jibdew joperaw. Huwa zied jghid li fil-prezent dawn ipprezentaw *sample* ta' *letter of intent* sabiex tkun ikkunsidrata u eventwalment iffirmata biex ikunu

jistghu japplikaw ghall-permessi. Is-*sample* tal-ittra intbghatet lill-avukat tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jinghata parir konkret. Is-Sindku qal li dawn qed jipproponu li jahdmu minn fuq il-bejt u biex dan ikun possibli jinhtieg li jsir access b'tarag u lift ghall-fuq il-bejt tal-Kunsill pero' din hija xi haga li tigi diskussa fid-dettal aktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament mall-proposta.

**09.6 Offerta – GRB0-2024 *Tender for Supply,& Commissioning of a passenger lift***

09.6.1 Is-Sindku spjega li gew sottomessi l-offerti tal-lift fejn l-irhas wahda hija ta' €39,970 minghajr VAT. Huwa spjega li l-Kunsill kien applika mall-Gozo Action Group ghall-fondi pero' ghad m'hemmx risposta. Min-naha l-ohra huwa spjega li din l-offerta' kienet iktar mill-budget li kien hemmipprezentata fuq l-offerta' pero' bhala fondi kien hemm minn skemi li ghandu l-Kunsill mad-Dipartiment u fondi ohra tal-Kunsill. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jmexxi bl-irhas offerta' sottomessa u approva l-fondi ghal din l-offerta'.

**09.7 Attivitajiet**

09.7.1 Gie spjegat li l-attivitajiet li ser isiru fil-gimghat li gejjin huma 'Love Under the Stars' li hija attivita' ta' Jum San Valentinu. Id-data proposta ghal din l-attivita' hija il-Hamis 13 ta' Frar. Is-Sindku ppropona li ghal din l-attivita' tigi armata t-tinda u ssir l-attivita' simili bhal ma ssir ta' kull sena. Il-Kunsill iddiskuta l-program u qabel li din l-attivita' ghandha tigi organizzata bhas-snin precedenti.

09.7.2 Attivita' ohra li ser tkun qed titella' mill-Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb hija l-infiorata li ttella' ghal zmien il-Ghid kif ukoll kuncert imtella' mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni.

09.7.3 Is-Sindku ssugerixxa li ssir attivita' ghat-tfal u genituri tal-Ghid. Giet diskussa din l-attivita' fejn il-Kunsill qabel li tigi organizzata u li tintalab l-ghajnuna finanzjarja mill-Ministeru ghal Ghawdex.

09.7.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill qieghed fil-prezent jahdem fuq l-applikazzjonijiet tal-International Puppet Festival kif ukoll tal-Interational Kite & Wind Festival. Bhala festival tal-Kite huwa qal li l-Kunsill ghad irid jara liema l-ahjar data. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jigi organizzata fit-18 ta' Ottubru filwaqt li l-Puppet jigi organizzata f'nofs Settembru.

**09.8 Progetti u Xogholijiet**

09.8.1 Is-Sindku qal li l-kuntrattur tat-toroq kien gie u mmarka t-triq u ghamel l-ilma provisorju. Huwa qal li l-main tal-ilma irid x'aktar jinbidel peress li mhux qed jahdem sewwa. Is-Sindku qal li ser tkun qeghda ssir ukoll it-trinka biex jghaddi l-*cable* ghas-sistema tal-panelli.

09.8.2 Is-Sindku aggorna lill-membri fir-rigward tal-progett tal-ARB Complex fejn qal li l-art kienet kwazi tlestiet u qed issir hidma biex isir il-ventilation u jinghalaq l-post bl-aluminium. Huwa zied jghid li fis-survey li ingabret kien hemm madwar 150 li urew l-interess taghhom. Gie spjegat li l-Kunsill kien hareg ukoll espressjoni ta' interess ghal dawk li jixtiequ juzaw l-pool ghall-gruppi fejn jidhol sports u simili. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li din ghandha tinfetah mit-8am sat-8pm pero' dan ikun deciz skond kif ser ikun hemm it-talba ghalih. Is-Sindku qalli intalbet kwotazzjoni lill-ERRC ghall-persuna

bhala attendant mall-pool. Apparti dan gie innotat li jkun ghad jonqos li jinstab cleaner ukoll.

**09.9 Skema CIES**

09.9.1 Gie spjegat li kienu saru l-interviews u kien hemm persuna wahda biss li kienet attendiet ghall-interview pero' ma intghazlietx mill-board. Il-Kunsill ikkonferma d-decizjoni tal-board u qabel li ghandu jitlob lill-Jobplus sabiex terga tohrog is-sejha.

**09.10 Skemi 2025**

09.10.1 Is-Sindku qal li fil-gimghat li gejjin ghandhom jinhargu l-iskemi ghas-sena 2025 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu japplika ghall-iskemi li jkun hemm sabiex ikompli jtejjeb il-hajja tar-residenti.

**09.11 Materji ohra**

09.11.1 Is-Sindku rrefera ghas-safra li ser tkun qed issir bejn 6 u 10 ta' Frar. Huwa qal li din il-gimgha ser ikunu qeghdin jigu ffinalizzati l-ahhar preparamenti u l-gimgha d-diehla ser tkun qeghda ssir il-laqgha ghall-partecipanti.

09.11.2 Is-Sindku rrefera ghall-progett tal-M4.3 fir-rigward tat-toroq fejn ghad baqa xi savings u ghaldaqstant ippropona li ssir talba sabiex issir triq ohra. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li ghandha ssir talba ghal Triq San Katald li twassal ghat-triq ta' Wied il-Mielah.

**09.12 Skeda ta' Pagamenti**

09.12.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**09.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

09.13.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 20 ta' Frar fid-9am.

09.13.2 Il-laqgha spiccat fid-9.55am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv